MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Numru. 34/2005

**Il-Pulizija**
**Supretendent Antonello Grech**
**Spettur Maurice Curmi**
v

**PIUS BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PIUS BORG**, ta' tmienja w hamsin sena bin Francis u Rose nee Scicluna, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar l-weiehed w ghoxrin ta' Luluu 1947 u residenti 41, Triq Sant Ursola, Victoria, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 58647G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar d-disgha w ghoxrin t'Awissu 2005 u fil-granet ta' qabel, xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew

akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta' esperti jew periti.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlettax ta' Frar 2007 (fol 79), sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tad-disgha t'Awissu 2007 [fol 91] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Rat wkoll l-kopja tal-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Tonio Micallef Trigona nhar s-sebgha ta' Settembru 2005 (fol 60 et seq).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza ppresentata fis-seduta ta' nhar il-wiehed u tletin ta' Jannar 2008 (fol. 99 et seq)

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnax ta' Jannar 2006 **xehed l-allura Spettur Antonello Grech** [fol 13] fejn qal li fid-disgha w ghoxrin t'Awissu 2005 hu kien gie nfurmat li kien mar l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat certu Joseph Axiaq, li kien qed jiehu hsieb ta' xi *farmhouse* w allega li din il- *farmhouse* kienet giet miftuha xi ftit jiem qabel minn fejn insterqulu xi oggetti.  Ix-xhud zied jghid li dan Joseph Axiaq kien stqarr li fi x'hin kien hemm il-mara tieghu, kienet marret ghand l-imputat presenti fl-awla, li ghandu hanut tal-antikitajiet fi Pjazza Savina w hemmhekk saqsewh ghal xi affarijiet antiki.  Qal li l-imputat kien hadhom f'post go Triq l-Assunta, Victoria, fejn ghandu diversi affarijiet w

hemmhekk kienu gharfu xi affarijiet minn dawk li kienu nsterqu.

Ix-xhud spjega li hu kien akkumpanja lill-istess Joseph Axiaq, flimkien mal-mara tieghu u t-tifla ghand l-imputat fil-post fi Triq l-Assunta, fejn hemmhekk gharfu diversi affarijiet li kienu nsterqu minn gewwa l-*farmhouse*.

Sussegwentement, kompla jghid x-xhud, hu kien mar u gabar dawn l-oggetti w arresta lil imputat u hadu l-ghassa tar-Rabat u beda jinvestigah billi hadlu stqarrija dwar il-provenjenza ta' dawk l-affarijiet. Qal li ghall-ewwel l-imputat kien irrilaxxja stqarrija li esibixxa bhala dokument 'PS', fejn fuqha kkonferma l-firem tieghu u ta' PC 883 Paul Azzopardi u tal-istess imputat Piju Borg fejn l-istes imputat kien qal li dawk l-oggetti kien xtrahom minghand xi Maltin. Spjega li aktar tard matul il-jum kienu gabu xi nies ohra li dak iz-zmien kellhom sensiela ta' serqiet minn *farmhouses* u bdew imorru fil-post ta' Triq l-Assunta u kulhadd beda jaghraf xi haga minnhom li kienet tieghu u jiehduhom l-ghassa.

Qal li sussegwentement kien rega' ha stqarrija ohra minghand l-imputat dakinhar stess fil-ghaxija fejn hu stess fil-presenza tal-Ispettur Maurice Curmi, taw is-solita twissija lil imputat, fuq liema stqarrija, mmarkata bhala dokument 'PS 1', ikkonferma kemm il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Maurice Curmi u tal-istess imputat. Spjega li din d-darba l-imputat kien qal li l-affarijiet kollha kien tahomlu certu wiehed Frankie Axiaq maghruf bhala il-'Badi'. Qal li sussegwentement l-imputat gie mressaq il-Qorti.

Illi nhar t-tnax ta' Jannar 2006 **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 19] u meta gie muri l-istqarrija esebita bhala dokument 'PS 1' rilaxxjata mill-imputat prezenti fl-awla wara li nghata s-solita twissija nhar id-disgha u ghoxrin t'Awissu 2005, ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Antonello Grech kif ukoll tal-imputat fuqha.

Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 **xehed PC 993 Paul Azzopardi** [fol 36] fejn meta gie muri l-istqarrija esebita bhala dokument 'CX' a fol 15 tal-atti, ikkonferma li din giet

rilaxxata mill-imputat prezenti fl-awla wara li nghata s-solita twissija nhar id-disgha u ghoxrin t'Awissu 2005. Ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Antonello Grech kif ukoll tal-imputat fuq z-zewg faccati taghha.

Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 **xehdet Maria Grech** (fol 37) fejn qalet li f'xi zmien fis-sena 2005, kienet mghajjta l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat, in konnessjoni ma xi serq li kien sar minn go *farmhouse* f'San Lawrenz. Qalet li hi tahdem mal-agenzija Frank Salt u fil-fatt hi responsabbli ghal amministrazzjoni tal-istess *farmhouse*. Spjegat li waqt li kienet l-ghassa, l-pulizija nfurmawha li kienu nstabu xi oggetti u li hi kienet msejjha sabiex tidentifika dawk l-oggetti. Qalet li hi pero ma kienetx f'posizzjoni li taghraf xi haga minn dawk l-oggetti peress li ma tattendix spiss fl-imsemmija *farmhouse* pero s-seftura li huma jibghatu fl-istess *farmhouse* kienet identifikat xi oggetti fil-presenza taghha.

Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 **xehed Joseph Axiaq** (fol 38) fejn qal li xi zmien qabel hu kien ghamel rapport lil pulizija li kien safa misruq fix-xahar t'Awissu 2005 mill-post li ghandu fi Triq San Lawrenz, San Lawrenz. Qal li fil-fatt kien safa misruq minn diversi oggetti li taghhom ghamel lista li esibixxa bhala Dok. Q. Spjega li sussegwentement ghal din s-serqa, hu kien qabbad lil martu u lil bintu sabiex jaraw jekk jistghux isibu dawn l-oggetti ghal bejgh f'xi hanut w ghalhekk dawn marru ghand l-imputat, maghruf bhala Piju tal-Garwien, sabiex jixtru kartell. Qal li l-imputat dakinhar kien dawwar lil martu ma post iehor li ghandu Pjazza Savina w hemmhekk martu identifikat xi affarijiet li kienu misruqa lilhom. Qal li sussegwentement anke hu kien mar ghand l-imputat fejn hu wkoll kien ra l-oggetti taghhom esposti ghal bejgh.

Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 **xehdet Rozina Axiaq** (fol 40) fejn qalet li xi zmien qabel zewgha Joseph Axiaq kien baghtha r-Rabat biex tixtri kartell minghand l-imputat presenti fl-awla. Qalet li l-imputat dakinhar kien hadha f'dar fi Pjazza Savina w hemmhekk rat l-oggetti li kienu

insterqu minghandhom u meta marret lura d-dar qalet lil zewgha b'dak li kienet saret taf.

Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 **xehdet Rose Vella** (fol 41) fejn qalet li l-familja taghha kienet sfat misruqa mill-fond fi Triq r-Rokon, San Lawrenz, liema fond jinsab taht l-amministrazzjoni taghha. Qalet li dan il-fond jappartjeni lil certu barrani bil-kunjom Carter. Qalet li sussegwentement kienu baghtu ghaliha l-pulizija u meta marret l-ghassa kienet identifikat diversi oggetti li kienu gew misruqa minn dan l-fond.

Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 **xehed Louis Cauchi** (fol 42) fejn qal li fix-xahar t'Awissu 2005 kien ghamel rapport l-ghassa li kien safa misruq minn diversi ghodda w oggetti ta' natura antika li kellu fir-razzett tieghu fil-limiti tal-Gharb. Qal li sussegwentement kienu baghtu ghalih l-pulizija u meta mar l-ghassa kien identifikat diversi oggetti li kienu nsterqu lilu minn dan l-fond fosthom imniegel, tomna, gharbiet u furkettun.

Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 **xehed Anthony Farrugia** (fol 43) fejn qal li hu jiehu hsieb *farmhouse* f'San Lawrenz li tappartjeni lil persuna ta' nazzjonalita Germaniza bl-isem ta' Heinz. Qal li fix-xahar t'Awissu hu kien ghamel rapport l-ghassa li kienu nsterqu xi oggetti minn din il-*farmhouse* u sussegwentement kienu baghtu ghalih l-pulizija u meta mar mal-pulizija f'post ta' certu Piu, u cioe tal-imputat odjern, kien identifika diversi oggetti li kienu gew misruqa minn dan l-fond fosthom bicca ghamara, xi vazuni u lavaman ta' fajjenza. Mistoqsi jekk jafx min seraq dawk l-oggetti, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2006 **xehed Max Xuereb** (fol 49) fejn esibixxa disgha w hamsin ritratt skond l-inkarigu li kellu minn din l-Qorti.

Illi nhar s-sittax ta' Jannar 2007 **xehed PC 1371 Alfred Grech** (fol 73) fejn qal li hu kien gie nominat mill-Magistrat Coppini b'digriet tieghu sabiex jigbor l-impronti digitali minn diversi oggetti li kienu gew elevati minghand l-

imputat Piu Borg. Ix-xhud esebixxa r-relazzjoni tieghi li giet immarkata bhala Dok. SOCO.

Illi nhar s-sbatax ta' Mejju 2007 **xehdet Tessie Dimech** (fol 88) fejn qalet li hi m'ghamlet l-ebda rapport l-Ghassa fuq xi serqa. Qalet li hi ghamlet xi zmien tahdem gewwa *farmhouse* San Lawrenz u din il-*farmhouse* kienet tigi amministrata minn Frank Salt.

Qalet li darba minnhom tiftakar li r-ragel taghha kien mar isaqqi u kien induna li l-bieb kien miftuh u kien cempel lil Marie ta' Frank Salt u qalilha dwar dan. Imbaghad giet Marie u hadet hsieb hi.

Illi nhar l-ewwel ta' Novembru 2007 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 94] fejn qal li jahdem f'ħanut f'Pjazza Savina jbiegħ l-antikitajiet u n-negozju jaghmlu fit-triq għaliex il-ħanut ma jippermettix. Qal li l-affarijiet li jkollu għall-bejgħ jixtrihom mingħand individwi, imorru wehidhom u fil-fatt fil-gurnata jagħmel tlett jew erba' xirjiet kuljum.

Mistoqsi kif l-oggetti li jinsabu għand il-pulizija kienu ġew għandu, wiegeb li kien mar certu Frankie Axiaq u sakemm kien qed jgħidlu biex jehodhom u jippostjhom f'bnadi oħrajn, kien iħallihom hemm barra biex meta jmorru t-tfal biex jirriplejsjawh, jaqbad u jehodhom f'posthom. Qal li l-affarijiet ma setghax idahhalhom kollha fil-ħanut u li għal dawk l-affarijiet li kien xtara kien ħallas prezz tajjeb.

Qal li dan Frankie Axiaq kien imur għandu ġieli darbtejn f'gimgħa u ġieli darba. Mistoqsi kemm ħallas tal-affarijiet li hemm maqbuda għand il-pulizija ix-xhud wiegeb li ħallas xi tlett mija u hamsin lira (Lm350).

Mistoqsi jgħid minn fejn ġew dawn l-oggetti wiegeb li ma kienx jaf, ma kellux ideja. Qal li kieku kien jaf li gejjin minn serq żgur ma kienx jixtrihom u dan għaliex ried jesebihom fit-triq, fejn jarahom kulħadd u dan għaliex jgħaddi l-individwu jarahom u jinqabad.

Illi nhar s-sitta ta' Dicembru 2007 **rega' xehed l-imputat** [fol 97] fejn qal li hu kien ghadu kif xtara xirja mingħand Frankie, wieħed Malti. Qal li qatt ma kien xtara mingħand dan, Frankie Axiaq, u ma kienx jaf li kienu misruqa. Qal wkoll li l-affarijiet kienu kollha fl-istess ġaraxx u gew moghtija lilu żewġ konsenji. Ftit wra, fl-istess xhieda, l-imputat biddel il-verzjoni tiegħu għaliex jghid li beżgha mis-Supretendent Grech. Qal li huwa kien xtara kollox mingħand Frankie Axiaq, u l-affarijiet effettivament tahom kollha lis-Supretendent. Qal li l-verità hija li hu xtara kollox mingħand Frankie Axiaq. Qal li bezgha li jieħu l-kolpa hu w għalhekk qal dak li qal l-ewwel darba. Qal li hu eċita ruħu meta sar jaf li l-affarijiet kienu misruqa.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Il-Qorti ezaminat l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar d-disgha w ghoxrin t'Awissu 2005 esibita fl-atti bhala Dok PS a fol 15 et seq minn fejn jirrizulta li l-imputat kien stqarr li kien xtara l-oggetti minghand certu Frankie u Lucy li joqghodu l-Isla f'Malta u li jarmaw fis-Swieqi u jbieghu l-antikitajiet. Mistoqsi dakinhar jekk xtarax l-oggetti li kienu misjuba ghandu minghand Ghawdxi, l-imputat jichad li kien hemm Ghawdxi nvolut fil-bejgh. Anzi jghid li whud mill-oggetti li nstabu ghandu, nstabu fi skip f'Wied l-Ghasri u darb'ohra jghid li xtrahom waqt *car booth sale* l-Birgu. Darb'ohra huwa spjega kif l-oggetti jaslu ghandu minn Malta billi dawn Frankie u Lucy johduhom ghand Paul Borg Antique Dealer f'B'Kara u dan jghabbihom go vann ta' certu Sunny u Marianna u dawn igibuhomlu Ghawdex.

Mistoqsi ghaliex l-affarijiet ma kienux esposti ghal bejgh barra fit-triq mal-affarijiet l-ohra li kellu izda zammhom gewwa l-hanut li ghandu huwa wiegeb "kemm ser tesponi oggetti ghal bejgh."

Mistoqsi jispjega kif qal li xtarhom xi xahrejn ilu meta effettivament gew rappurtati misruqa ghoxrin jum qabel m'instabu ghand l-imputat, wiegeb li ma kienx possibbli.

Aktar tard fl-istess jum l-imputat irrilaxxja stqarrija ohra u cioe dik immarkata bhala Dok. PS 1 esibita a fol 7 et seq.

F’din l-istqarrija l-imputat ibiddel l-versjoni tal-fatti kompletament u dan ghaliex jammetti li l-oggetti xtrahom minghand certu persuna minn San Lawrenz, maghrufa bhala il-‘Badi’. Qal li kien ilu jixtri minghandu ghal xi xahrejn. Qal li ma kienx jaf li l-oggetti kuienu gejjin minn serq u li kien hallas s-somma ta’ erbgha mija u tletin lira maltin ghalihom. Qal wkoll li din il-persuna qaltlu li setgha iperrichom barra. Mistoqsi ghaliex ma kienx perrichom, wiegeb li ma kellux wesgha. Stqarr li effettivament ma kien lahaq biegh xejn minnhom ghaliex ma kienx ghadu harighom ghal bejgh minn gol-hanut.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li l-imputat biddel l-versjoni tal-fatti diversi drabi kemm meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu kif wkoll aktar tard, meta xehed il-Qorti viva voce. L-ewwel jghid li xtara l-oggetti minn *car booth sale* l-Birgu imbaghad sab uhud go skip Wied il-Ghasri w imbaghad li l-oggetti jigu minn Malta tramite terzi. Kien biss fl-ahhar meta hu kkonferma li l-oggetti li nstabu mill-pulizija u li gew identifikati minn diversi nies li gew derubati li l-imputat ammetta li kien xtrahom minghand Francis Axiaq maghruf bhal il-‘Badi’.

Illi pero filwaqt li fl-istqarrija l-imputat jghid li xtara l-oggetti ghal prezz ta’ erbgha mija u tletin lira maltin (fol 17) viva voce l-Qorti jghid li xtrahom tlett mija u hamsin lira maltin.

Jigi nnutat wkoll li filwaqt li fl-istqarrija jghid li kien xtrahom xahrejn qabel ma rrilaxxja l-istqarrija viva voce l-Qorti jghid li kien Axiaq li kien ibieghlu l-merkanziji, gieli darbtejn u gieli darba fil-gimgha w ghalhekk f’dan r-rigward, suppost l-imputat kellu relazzjoni tajba mieghu u kellu jkun jaf xi jsarraf bhala bniedem li kien jinnegozja mieghu regolarment.

Il-Qorti taghmel referenza ghal elementi ta’ dan r-reat kif effettivament pprezentata mid-difiza fin-nota taghha u appuntu dak rilevat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell nhar t-tmienja ta’ Mejju 1937*** fl-ismijiet **Il-Pulizija**

**v Filippa Fenech** u dan ghaliex ir-reat ta’ ricettazzjoni huwa delitt ghalih u mhux komplicita fis-serq.

Illi biex jista jinghad li l-akkuza giet ippruvata, hemm bzonn illi jirrizultaw sodisfacentement dawn r-rekwiziti:

1. illi l-oggetti li jkunu msemmija fil-kaz, ikunu gejjin mill-kommissjoni ta’ reat;
2. illi l-akkuzat ikun jew irrecetta jew xtara dawn l-oggetti; u
3. illi l-imputat kien jaf li dawk l-oggetti kienu ta’ provenjenza illegittima.

Illi kwantu ghat-tieni rekwizit, ma hux affattu necessarju li jkun hemm x-xiri tal-oggett mill-parti tar-recettatur, r-ricettazzjoni wahedha hija bizzejjed.

In kwantu ghax-xjenza tal-provenjenza llegittima, dan l-element [li hu d-dolo specifiku tad-delitt ta’ ricettazzjoni], jista jigi dezunt mic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Issa kif stqarr l-***Imhallef William Harding*** fis-sentenza moghtija fl-ismijiet il-**Pulizija v John Dimech *nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Gunju 1961***:

*“Meta l-persuna li tircievi oggett jkollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dawk l-oggetti minghajr ma taghmel xejn biex taccerta li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien legittimu u mhux kif kienet tahseb hi, allura hemm l-element tax-scientia rikjest ghall-integrazzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni.”*

Ghalhekk, kif gie deciz fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Briguglio** nhar ***l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1961;***

*“Il-proposizzjoni li biex ma jkunx hati ta' ricettazzjoni, min jakkwista oggett, ghandu juza d-diligenza tal-familja biex jaccerta ruhu li dak l-oggett m'ghandux provenjenza llegittima ma hiex interament zbaljata imma mill-banda l-ohra, ghandha tigi kwalifikata, ghaliex filwaqt li f'materja civili in-nuqqas ta' diligenza hu bizzejjed, fil-kamp kriminali*

*id-diligenza trid tkun fi grad akbar. Ghalhekk dik il-proposizzjoni ghandha tigi modifikata fis-sens illi "in criminalibus" a differenza ta' "civiliter", mhux bizzejjed in-negligenza li hi semplicement l-ammissjoni ta' diligenza tal-boun padre di famiglia, imma tinhtieg negligenza fi grad tali li tammonta ghal 'criminal misconduct' genwinament imsejjha 'gross negligence'.*

Minn jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza llegittima w intant ma jaghmel xejn biex jikkonferma tali l-provenjenza u jaghlaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi hati ta' ricettazzjoni.

Ghalhekk tajjeb iccitat d-difiza fin-nota taghha s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Tabone** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1961*** ghaliex s-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa, minghajr ma jaghmel l-verifiki mehtiega dwar dik il-provenjenza, huwa prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan r-reat.

Li wiehed jkollu suspett ta' xi rregolarita w intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konkluzziva dwar dan l-element intenzjonali [vide **Il-Pulizija v Tancred Borg *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 1998.***]

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat mhux kredibbli f'dak li qal u dan ghaliex ittanta b'mod fjak jahbi dak li effettivament sehh u dan kemm dwar c-cirkostanzi ta' kif effettivament gew f'idejh l-oggetti ricettati kif rikonoxxuti minn diversi xhieda u dwar il-prezz li xtrahom u dwar ic-cirkostanzi fejn stivhom.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat PIUS BORG hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf mija erbgha w sittin punt disgha w sittin (1164.69) Euro.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-espert fotografiku Max Xuereb [fol 49] fl-ammont ta’ mija u sittin Euro [€160.00] u dan fi zmien xahrejn (2) mill-lum u fin-nuqqas li l-imputat jonqos li jhallas dan l-ammont, l-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------